# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors numru: 22/2022 BS**

**DF**

**-vs-**

**JF**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tal-attur DF illi ppremetta:**

1. ILLI huwa żżewweġ lill-intimata JF nhar l-erbgħa (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala dok '**A**'. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ[t] ulied u ċioè JDF li twieldet nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u MDF li twieldet nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta'

Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), u t-tnejn huma minorreni;

2. ILLI dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Pisani datat nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u dan il-kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dok 'B';

3. ILLI minn dakinhar sal-lum il-partijiet qatt ma reġgħu rrikonċiljaw u dejjem għexu separatament;

4. ILLI ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. ILLI r-rikorrenti jrid illi dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li għandhu [sic] jiġi pronunzjat minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

(1) Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħala maħlul [i]ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti nhar l-erbgħa (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012); u

(2) Tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex entro terminu qasir iffi[s]sat minnha jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-Għawdex [sic] bid-deċiżjoni tagħha ai termini tas-sub-inċiż erbgħa (4) tal-artikolu sitt u sittin ittra 'A' (66A) tal-Kodiċi Ċivili (Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta JF illi eċċepiet:**

1. ILLI hija taqbel mat-talbiet jekk kif dedotti fir-rikors promotur, b'dana illi tali żwieġ jinħalla taħt dawk il-patti u kundizzjonijiet ġia stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti;**

**Fliet** l-atti;

**Rat** li fis-seduta tas-16 ta Novembru, 2022 il-kawza tħalliet għas-sentenza tal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fil-21 ta' Frar, fis-sena 2020;

Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi fir-risposta tagħha l-konvenuta mhux qed topponi t-talba;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni seduta stante tal-konvenut illi ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni;

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur